**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Duca

*versus*

Giuseppe Galea

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja.**

*Min jiddikjara illi ma jafx bl-eżistenza ta' dejn li jintalab kontra tiegħu, imma fl-istess ħin jgħid illi, jekk issir il-prova relattiva, huwa jħallas, jiġi li jinterrompi l-preskrizzjoni, jew jirrinunzja għaliha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu, proprio u anki bħala użufruttwarju tal-assi tal-mejta martu Maria Duca, kien kreditur ta' George Galea fis-somma ta' £119. 13. 8d, prezz ta' groceries; u billi l-imsemmi George Galea miet intestat fis-16 ta' Awissu 1954 u l-eredi legali tiegħu huma ħames uliedu; u billi l-erbgħa w'ied l-oħra ħallsu sehemhom mill-imsemmi dejn, u l-konvenut biss naqas li jħallas sehmu, li jammonta għal £23.18.8d; talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' £23. 18. 8d; bl-imgħaxijiet legali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi mhux kontestat li l-fornituri in kwistjoni saru lil George Galea, missier il-konvenut, li miet fis-16 ta' Awissu 1954, u għalhekk fil-ġurnata li saret iċ-ċitazzjoni kien ġa ddekorra ż-żmien tal-invokata preskrizzjoni;

Illi però l-attur jissottometti li l-konvenut bl-atteġġjament tiegħu fi żmien viċin għall-kawża, wera li ma kienx bi ħsiebu japprofitta mir-rimedju tal-preskrizzjoni, anzi huwa rrinunzja għaliha, kif jidher mill-ittra fol. 7 tal-proċess u mill-provi testimonjali li ġew prodotti;

Illi skond il-provi miġjuba, il-konvenut wara l-mewt ta' missieru kien ġie mgħarraf minn Anthony Galea, ħuħ, li fil-wirt kien hemm xi djun, fosthom dak tal-attur, u dak il-ħin irrispondieh "kif nidħlu għall-ġid nidħlu għad-deni"; u qallu biex jgħid lill-oħthom Grazia tistaqsi lill-attur kemm kellu jieħu; din Grazia għamlet kif qalulha, u għarrfet lill-ħuha Anthony, u dan informa lill-konvenut, permezz ta' ittra, illi d-dejn kien jilħaq £119 u xi 18s.; il-konvenut irrispondieh bl-ittra eżibita a fol. 7, fejn, "inter alia", mar jesprimi ruħu hekk:— "Toninu, inti għidt li lill-Grezz għidtilha biex tara x'qalet Teresa li għandna natuha, u li dan id-dejn la taf bih inti, la jiena u lanqas Carmelo; allura jien ma bi ħsiebnix inħallas lanqas ħabba, jekk ma jkunx hemm provi biżżejjed bil-kitba tal-antik u bil-ġurament; għax wara dan iż-żmien kollu, issa li jiena u Karmenu tlabna biex nirranġaw, inqala' dan il-kont wara l-perijodu ta' fuq is-sitt snin";

Dan l-atteġġjament tal-konvenut jinsab konfermat mill-imsemmija oħtu Grazia Galea, li fuq istruzzjonijiet ta' ħuha Anthony marret tistaqsi lil Teresa Duca, bint l-attur, kemm kien jilħaq id-dejn (fol. 15); mill-istess Teresa Duca, li xehdet illi xi ħames xhur qabel Anthony Galea kien infurmaha illi l-konvenut kien qallu "kif nidħlu għall-ġid nidħlu għad-deni" (fol. 16); u sa ċertu pont mill-istess konvenut fix-xhieda tiegħu fol. 19, fejn stqarr illi "meta Antonio qalli li Teresa kienet tippretendi li missieri kellu jagħti, ir-

rispondejtu 'Issa nqalgħet Teresa, meta bgħatt għalik biex naqsmu?". Konferma oħra nsibuha fix-xhieda ta' Carmelo Galea, ħu l-konvenut u minnu prodott, li xehed illi l-istess konvenut għall-ewwel kien aċċetta li jħallas id-dejn in kwistjoni (fol. 25);

Illi minn dan li ntqal, l-atteġġjament tal-konvenut qabel il-kawża kien illi huwa ma kienx jaf bid-dejn, imma, jekk issir il-prova relattiva bil-miktub u bil-ġurament, huwa jħallas. Issa, skond il-ġurisprudenza tagħna kostanti, min iwieġeb b'dan il-mod ikun qiegħed jagħraf li għandu jagħti, u b'hekk ikun qiegħed jinterrompi l-preskrizzjoni jew jirrinunzja għaliha (Kollez. XIV, 169; XXXVI-I-641 u II-13; App. Ċiv. 5.XI.1956 in re "Casha vs. Micallef", u 24.3.1958 in re "Borg vs. Testaferrata Bonnici"). U għalhekk, kif josserva Troplong, "la prova dell'esistenza del debito deciderà tutto" (Prescrizione, § 617);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, xieraq li qabel xejn issir il-prova eżawrjenti u kif trid il-liġi tad-dejn in kwistjoni, għaliex minn din il-prova jiddependi l-eżitu tal-eċċeznа preskrizzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi l-konvenut, bl-atteġġjament tiegħu fuq miġjub, ġie jirrikonoxxi li għandu jħallas sehmu mid-dejn in kwistjoni, kemm il-darba ssir il-prova tiegħu skond ma jingħad fl-ittra fol. 7;

U konsegwentement tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-25 ta' Mejju 1961, biex isiru l-provi meħtieġa;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.